# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 1438/2023 GG**

**Timothy Buttigieg**

**vs.**

**Target Traffic Ltd; u**
**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

<u>Provvediment dwar talba tar-Ricevitur Ufficcjali tas-17 t'April, 2024.</u>

Illum 24 ta' Settembru, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-Ricevitur Ufficcjali, l-Avukat Dr. Ingrid Hamilton, tas-17 t'April, 2024 li bih talbet li l-kawza fl-ismijiet premessi tkun sospiza sakemm l-attur jottjeni l-awtorizazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) ai termini tal-artikolu 224(2) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha tal-24 t'April, 2024 li bih ordnat notifika lill-attur u lill-konvenut Kummissarju tat-Taxxi bi zmien gimgha ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-attur Timothy Buttigieg;

Semghet lill-partijiet fl-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2024;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-kawza fl-ismijiet premessi kienetipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Dicembru, 2023 u appuntata ghas-smiegh ghas-16 t'April, 2024;

2. Illi s-socjeta' Target Traffic Limited ma wiegbitx ghar-rikors mahlulf tal-attur b'dan illi fis-17 t'April, 2024 r-Ricevitur Ufficcjali intavolat dan ir-rikors sabiex l-Qorti tordna is-sospensjoni tal-proceduri;

3. Illi r-raguni mressqa mir-Ricevitur Ufficcjali hi li dawn il-proceduri kienu istitwiti wara x-xoljiment tas-socjeta' konvenuta (minghjar ma inghatat aktar informazzjoni li l-Qorti tqis li kellha tinghata ghall-kwadru komplet tas-sitwazzjoni);

4. Illi fir-risposta tieghu, l-attur spjega kif b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) tal-31 ta' Jannar, 2024, is-socjeta' Target Traffic Limited kienet dikjarata xjolta u Dr. Ingrid Hamilton inhatret

bhala stralcjarja taghha. L-istess attur wiegeb illi stante li dawn il-proceduri kienu istitwiti qabel is-sentenza ta' xoljiment, r-rikors tar-Ricevitur Ufficcjali ghandu jkun michud;

5. Illi l-artikolu 224 subinciz (2) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> **(2) Meta jkun sar ordni ghal stralc jew ikun inhatar amministrautr provvizzorju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 228, <u>ma ghandha tinbeda jew titkompla l-ebda azzjoni</u> jew procedura kontra l-kumpanija jew il-proprjeta' taghha, hlief bil-permess tal-Qorti u soggett ghal dawk il-kondizzjoniiet li l-Qorti tista' timponi. (Sottolinear tal-Qorti)**

6. Illi dan il-provvediment ddahhal fil-Kapitolu 386 in sostituzzjoni tal-provvediment precedenti bis-sahha tal-Att XVIII tal-2024 promulgat fis-17 ta' Mejju, 2024 allura wara li kienet intavolata l-kawza. Fir-risposta tieghu l-attur iccita l-provvediment tal-ligi kif vigenti qabel din l-emenda u li kien jaqra hekk:

> **(2) Meta jkun sar ordni ghal stralx jew ikun inhatar amministratur provvizorju, skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 228, <u>ma tista' tittiehed ebda azzjoni jew jinbdew xi proceduri</u> kontra l-kumpanija jew il-proprjeta' taghha hlief bil-permess tal-qorti u taht dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti. (sottolinear tal-Qorti)**

7. Illi huwa opportun li jkun osservat illi sia r-rikors tal-Ricevitur Ufficcjali kif ukoll ir-risposta tal-attur kienu introdotti **<u>qabel</u>** l-emenda fil-ligi. Pero' l-emenda sehhet fit-test Malti **<u>biss</u>** ghaliex it-test Ingliz gia kien jaqra kif jaqra t-test Malti issa wara l-emenda. Kien ghalhekk illi filwaqt illi r-Ricevitur ccita l-ligi kif vigenti fit-test Ingliz, l-attur iccita provvediment li huwa differenti f'dak li jirrigwarda l-inizzju jew it-tkomplija tal-proceduri. (vide sottolinear fl-artikoli riprodotti);

8. Illi ghal kjarezza tal-hsieb, it-test Malti tal-provvediment in kwisjtoni issa huwa ugwali ghat-test Ingliz kif citat mir-Ricevitur rikorrent liema provvediment josta' l-inizzju u t-tkomplija ta' kull procediment kontra socjeta' kolpita b'ordni ta' stralc;

9. Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn, qabel ma ddahhlet l-emenda, kien hemm diskrepanza bejn it-test Malti u dak Inkliz billi fejn fl-ewwel kaz kawza ma setgheet tinbeda jew tittiehed azzjoni kontra socjeta' xjolta, fit-tieni kaz ma setghet tinbeda **<u>jew titkompla</u>** xi azzjoni. Madankollu, u kif tajjeb osserva r-Ricevitur, skond l-artikolu 2(7) tal-Kap 386, fejn it-test Malta ma jaqbilx mat-test Ingliz, ghandu japplika t-test Ingliz. Il-Qorti mhix ser tinoltra fir-raguni u l-istorja legali dwar dan, dovut unikament ghas-sors ta' din il-ligi.

10. Illi ghalhekk oltre li japplika t-test Ingliz f'din il-kwistjoni hawn devolulta, japplika ukoll il-principju ta' *jus superveniens* bl-introduzzjoni tal-emenda fl-artikolu 224(2) tal-Kap 386 li espressament jipprovi li ma ghandha tinbeda jew **<u>titkompla</u>** ebda azzjoni jew procedura kontra l-kumanija jew proprejta' taghha hlief bil-permess tal-Qorti meta jkun sar ordni ghal stralc;

11. Ghalhekk ir-Ricevitur Ufficcjali ghandu ragun u konsegwentement tilqa' t-talba b'dan illi qed tissospendi l-proceduri fl-ismijiet premessi u tiddiferixxi l-kawza *sine die*.

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur